**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz 379/2016**

**GB u SB**

**vs**

**Global Capital Financial Management Ltd**

**(C30053)**

**Seduta tas-26 ta' Jannar, 2017**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment**ipprezentat fis-27 ta' Lulju, 2016, fejn l-ilmentaturi qeghdin jilmentaw li rapprezentanti tal-Global Capital Financial Management Ltd. marru d-dar ghandhom bla mistiedna biex ihajjruhom jinvestu somma flus li s-Sur GB rcieva mill-Port Workers' Scheme fejn kien jahdem. Is-Sinjuri GB u SB ma jafux kif ir-rapprezentanti saru jafu b'dan, imma laqghuhom xorta biex jiehdu parir professjonali.

L-ilmentaturi jilmentaw li huma nies bla ebda esperjenza precedenti u l-oggettivi finanzjarji taghhom kienu li jinvestu f'fond sigur u ta' riskju baxx biex ikun mezz ta' dhul mal-pensjoni li kienu se jircievu fi ftit snin ohra.

Jilmentaw li nghataw parir zbaljat biex jinvestu f'fond PATF TEP2 li hu kumpless u b'riskju gholi, u li gew zgwidati meta ffirmaw fuq dokumenti minghajr ma gew spjegati lilhom, peress li l-ilmentaturi ma jifhmux bl-Ingliz, u li lanqas inghataw tali dokumenti.

Jilmentaw ukoll li r-rapprezentanti mlew il-formola tal-*File Note* huma kif qabel lilhom u kien hemm abbuz frawdolenti.

Illi l-komportament tas-socjeta` konvenuta jikkostitwixxi *misselling* u dan peress li l-investiment ma setax jigi kkunsidrat bhala li huwa idoneju u addattat ghall-investituri.

L-ilmentaturi jippretendu li jigi restitwit lilhom il-kapital originali investit taghhom ta' €34,991.19, flimkien ma' imghaxijiet ekwivalenti ghal rendiment li kien ikun kompatibbli ma' investiment ta' riskju kawt li seta' nxtara dak iz-zmien.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz**:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-ilmentaturi in kwantu bbazati fuq responsabbilta` extra kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-ilmentaturi in kwantu bbazati fuq responsabbilta` kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Art. 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonjiet l-ohra, l-ewwel (1) talba tal-ilmentaturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjeta` intimata mxiet fl-ahjar interess tal-klijenti taghha u s-socjeta` intimata ma naqsitx mill-obbligi legali taghha meta bhala intermedjarja licenzjata taht l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370) bieghet il-prodott '*The Protected Asset TEP Fund No. 2-Eur*' lill-ilmentaturi kif allegat minnhom;

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-tieni (2) talba tal-ilmentaturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjeta` intimata ma abbuzatx mill-fiducja tal-ilmentaturi; il-formoli li gew iffirmati mill-ilmentaturi gew iffirmati minnhom liberalment u xjentement; is-socjeta` intimata ma wettqet ebda *misselling*; u inoltre s-socjeta` intimata ma wettqet l-ebda abbuz frawdolenti kif allegat mill-ilmentaturi; illi

ghalhekk din it-talba tal-ilmentaturi hija kompletament bla bazi u infondata fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-tielet (3) talba tal-ilmentaturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjeta` ntimata tichad bl-aktar mod kategoriku illi l-komportament taghha jikkostitwixxi *investment misselling* kif allegat mill-ilmentaturi u tafferma illi fil-mument li l-ilmentaturi akkwistaw l-investiment in kwistjoni, dan l-investiment fl-isfond tal-informazzjoni li kienet tezisti dwaru u abbazi tal-informazzjoni li kellha s-socjeta` ntimata minghand l-ilmentatur stess kellu l-premessi kollha sabiex fil-fehma ragonevoli tas-socjeta` intimata jinbiegh lill-ilmentaturi;

   Illi l-allegazzjonijiet tal-ilmentaturi f'subinciz (i) sa (iv) fit-tielet talba taghhom huma kollha kontestati;

   Illi di piu` rigward is-subincizi (i) u (ii) tat-tielet talba jirrizulta, inter alia, mid-dokumenti ipprezentati mill-ilmentaturi bhala Dok B.i u B.ii u Part 2 tal-KYC anness bhala l-ahhar dokument f'Dok B.i., u mill-*File Note* iffirmata mill-istess ilmentaturi u annessa mal-ilment taghhom bhala Ci, illi l-ilmentaturi kellhom l-esperjenza u t-taghrif necessarju sabiex jifhmu r-riskji relatati mal-investiment in kwistjoni;

   Illi rigward subinciz (iii), l-ilmentaturi kienu indikaw l-esperjenza taghhom lir-rapprezentant tas-socjeta` intimata li nizzel din l-informazzjoni fil-formularju tal-KYC; illi inoltre l-ilmentaturi ddikjaraw fl-*Experienced Investor Declaration Form* iffirmata minnhom stess illi huma "*A person who has reasonable experience in the acquisition and/or disposal of funds of a similar nature or risk profile, or owns a property of a similar nature to the property to which the Professional Investment Fund relates, or owns a substantial part of the Investment Fund in question*" u li "*We hereby confirm that I/we am/are eligible to be treated as an 'Experienced Investor' in light of the positive response/s that I have given to the above criteria.*"

   Illi rigward is-subinciz (iv), s-socjeta` intimata tafferma illi l-investiment in kwistjoni nbiegh fuq bazi ta' "*promote and sell*"; illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` intimata tichad fermament illi hija b'xi mod

irrakkomandat l-investiment *"b'mod negligenti"*; illi bhala fatt lanqas ma jirrizulta illi fiz-zmien li fih sar l-investiment in kwistjoni mill-ilmentaturi dan kien meqjus bhala investiment ta' riskju gholi; illi l-investiment in kwistjoni ma kienx wiehed kumpless kif allegat mill-ilmentaturi (minghajr ma lanqas biss spjegaw fuq liema bazi waslu ghall-konkluzjoni fl-ilment taghhom illi l-investiment kien wiehed kumpless); inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess anki kieku, ghall-grazzja tal-argument biss, l-investiment kien wiehed kumpless b'daqshekk ma jfissirx li ma setax jinbiegh lill-ilmentaturi skont ir-regoli vigenti fiz-zmien in kwistjoni;

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet l-ohra tal-ilmentaturi bin-numri erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6) huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjeta` intimata mhix responsabbli versu l-ilmentaturi ghal ebda telf jew dannu li setghu gew sofferti mill-ilmentaturi, u lanqas ma hija responsabbli ghal ebda reintegrazzjoni la minhabba xi nuqqas fit-twettiq tal-obbligi legali taghha fil-konfront tal-ilmentaturi, la minhabba xi komportament negligenti u/jew agir abbuziv, la minhabba xi *investment misselling* u lanqas minhabba xi komportament iehor kif allegat fl-ilment tal-ilmentaturi u ghalhekk is-socjeta` intimata ma ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont in linea ta' telf, dannu jew reintegrazzjoni lill-ilmentaturi u t-talbiet fl-ilment tal-ilmentaturi ghandhom jigu respinti;

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talba ghall-imghaxijiet f'punt hamsa (5) tal-ilment taghhom hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt; illi apparti l-fatt li la l-kapital u lanqas id-dhul jew tkabbir kapitali ma kienu garantiti mis-socjeta` intimata, jigi sottomess illi l-ilmentaturi ghamlu l-investiment *de quo* fl-2007, jigifieri qabel l-akbar krizi fis-swieq finanzjarji li rat id-dinja mis-snin 1930 'l hawn. Ghalhekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentaturi ma jistghux jassumu illi kieku nvestew flushom f'investiment iehor il-kapital taghhom kien ser jibqa' shih u/jew li kienu ser jaghmlu dhul b'xi rata fissa ghaz-zmien kollu tal-investiment taghhom kif qed isostnu l-ilmentaturi.

**Ra l-affidavits tal-partijiet,**

**Sema' x-xhieda,**

**Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet,**

**Ra l-atti l-ohra tal-kaz,**

**Jikkonsidra:**

**L-Eccezzjoni dwar preskrizzjoni**

Il-provditur tas-servizz qed jeccepixxi li t-talbiet tal-ilmentaturi huma preskritti ai termini tal-Artikoli 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza '**Carmelo sive Charles Magri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et', [Deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998 – Vol LXXXII.II.751]** dik il-Qorti osservat li l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet xorta ta' danni, jigifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju [fejn il-preskrizzjoni hija dik tal-azzjoni kriminali], dawk derivanti minn htija akwiljana [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn] u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin].[1]

L-Arbitru hu tal-fehma li l-preskrizzjoni applikabbli ghal dan il-kaz hija l-preskrizzjoni ta' hames snin skont l-Artiklu 2156 (f) tal-Kap. 16.

Dan il-kaz jinkwadra ruhu fi tranzazzjoni kummercjali u kuntrattwali bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz, u ghalhekk mhuwiex il-kaz li jigi applikat l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, li jittratta dwar 'hlas ta' hsarat mhux kagunati b'reat.' Ghalhekk, l-Arbitru jrid jikkunsidra jekk dan il-kaz hux preskritt ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Meta tkellmu dwar il-preskrizzjoni il-Qrati taghna, anke a bazi ghal dak li jipprovdi l-istess Kodici Civili, stabbilew parametri legali kif il-preskrizzjoni ghandha tigi interpretata u applikata, fosthom illi:

[1] Ara wkoll, 'Emanuele Cassar vs Marija Ciappara' [Deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Marzu, 1953]

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha:

Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **'Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara noe**,[2]

*"Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq";*

2. Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju.[3]

Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet **il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza "Causon vs Sheibani noe" illi:-**

***"Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`pozizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le".***

3. Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi kaz, ikun jista' jezercita dik l-azzjoni;

***Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li:***

***'Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'***

---

[2] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru 2003
[3] Holland noe vs Chetcuti , QA, – 25 ta` Frar 2000

4. Huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni[4].

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Arbitru jrid jara jekk fil-kaz odjern il-provditur tas-servizz irnexxilux jipprova li l-ilmentaturi skadielhom iz-zmien ta' hames snin minn mindu setghu jezercitaw din l-azzjoni.

Il-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova dwar dan, u jipprova jghid li l-perjodu preskrittiv ghandu jibda jghodd mid-data ta' meta sar l-ewwel inkontru bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz. Jghid li, minn dik id-data sal-prezentata tal-protest gudizzjarju, skada l-perjodu preskrittiv.

Dan huwa argument li ma jistax jirnexxi ghaliex mhux tenut li investitur, l-ghada li jixtri prodott imur jaghmel att gudizzjarju biex jinterrompi preskrizzjoni meta ma jafx kif ser imur il-prodott. Anzi, l-konsumatur jidhol f'investiment bit-tama li jmur tajjeb u ma jkollu bzonn jiehu l-ebda passi.

Kif intqal, l-obbligu tal-prova tal-preskrizzjoni jaqa' fuq min jallegaha, f'dan il-kaz fuq il-provditur, haga li m'ghamilx. Jekk hemm dubbju, il-gudikant irid jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

L-ilmentaturi saru jafu li l-prodott li bieghilhom il-provditur tas-servizz beda sejjer hazin f'Dicembru 2008, meta marret tkellimhom rapprezentanta tal-provditur tas-servizz, u baqghu jircievu *valuation statements* li jindikaw li l-investiment kien niezel 'l isfel. L-ilmentaturi ghamlu protest gudizzjarju fit-30 ta' Jannar, 2012,[5] li gie mwiegeb mill-provditur tas-servizz fit-12 ta' Gunju, 2013.[6]

Ghalhekk l-ilmentaturi interrompew il-preskrizzjoni fil-hin.

Ghal dawn il-mottivi dawn l-eccezzjonijiet qed jigu michuda.

## Il-Mertu

L-ilment principali huwa dak ta' *misselling* ghaliex l-ilmentaturi inbieghilhom prodott li ma kienx idoneju ghalihom u ghac-cirkostanzi taghhom u b'dan il-mod

[4] ("Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited, PA, 12/10/2004
[5] A fol 74
[6] A fol 75

sofrew telf ta' flus. Jilmentaw ukoll li l-provditur kiser l-obbligi fiducjarji u ma mexiex skont l-ahjar interessi taghhom.

Il-prodott in kwistjoni *kien* ***The Protected Asset TEP FUND No. 2*** **( fil-qosor *TEP FUND 2*).**

Mid-dokument esebit[7] mill-provditur tas-servizz mar-risposta jirrizulta li dan il-prodott kien intenzjonat ghal *'experienced investors'*. Fl-introduzzjoni ta' dan id-dokument insibu:

*'The Protected Asset TEP Fund Plc is an open-ended investment company and was incorporated as a public limited company in the Isle of Man with number 101651C on 12th December 2000 with unlimited duration under the Companies Acts 1931 to 1993 of the Isle of Man. PATF is not and need not be an authorised person for the purposes of the Isle of Man Financial Supervision Act 1988.*

*PATF is designed to provide investors with capital growth and relatively low risk through investment in a diversified portfolio of traded endowment policies ("TEPs").*

*Abacus Financial Services Limited will administer PATF, with custodian services being provided by a company which is a member of The Royal Bank of Scotland Group. PATF aims to have the lowest running costs of any existing TEP fund. It should be noted that three of the sub-funds of PATF, The Protected Asset TEP Fund No.2, The Protected Asset TEP Fund Dollar No.2 and The Protected Asset TEP Fund Euro No.2, are subject to certain charges to which the other sub-funds of PATF are not.*

*To ensure cost effective and efficient investment, PATF has arranged to purchase appropriate policies through T.I.S. Group Limited and Absolute Assigned Policies Limited, one of the oldest and largest market makers in TEPs.*

***PATF has been established to enable experienced investors (experienced investors:- "persons who, in relation to any experienced investor fund, are sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment***

[7] A fol 214-253

***in that fund") to invest in the well established traded endowment market efficiently and simply*.”[8]

Peress li kien investiment intenzjonat ghal tip partikolari ta’ investituri (*Experienced Investors),* kien ezentat minn certu obbligi regolatorji li normalment huma assocjati ma’ fondi ghal konsumaturi *retail*.

L-ilmentaturi gew klassifikati mill-provditur tas-servizz bhala konsumaturi ***retail*** **u ghalhekk kien mistenni mill-provditur tas-servizz finanzjarju li jittrattahom b’dak il-mod, jigifieri, b’kawtela akbar.**

Il-mistoqsija tqum mill-ewwel jekk dan il-prodott kienx addattat ghall-ilmentaturi. Il-provditur tas-servizz jghid irrizulta li “l-ilmentaturi iffirmaw id-dokumenti neccessarji u mill-*KYC* u l-*File Note*, iffirmata mill-istess ilmentaturi mal-ilment taghhom bhala Ci, illi l-ilmentaturi kellhom esperjenza u t-taghrif necessarju sabiex jifhmu r-riskji relatati mal-investiment in kwistjoni.”[9]

Sabiex wiehed jifhem ezattament x’gara, u jekk verament l-ilmentaturi kellhomx l-**esperjenza necessarja, it-taghrif necessarju biex jifhmu r-riskji relatati mal-investiment in kwistjoni,** l-Arbitru ser jara fid-dettal il-profil personali tal-investituri u mhux sempliciment x’iffirmaw. Dan ghaliex, kif gie stabbilit f’diversi sentenzi tal-Qrati taghna, il-firma fuq dokument mhix bizzejjed, imma min jiffirma irid ikun jaf x’qed jiffirma.[10]

L-ilmentatur GB jghid fl-affidavit tieghu[11] li:

**‘Jien mort skola sal-eta` obbligatorja ta’ erbatax-il sena. Jien m’ghandi l-ebda konoxxenza tal-Ingliz u ma nafx naqra gazzetta ta’ kuljum bl-Ingliz. Lanqas naf nikteb bil-Malti. Meta jkolli bzonn niffirma jien nikteb ismi fejn dak li jkun jindikali. B’certa diffikulta` naqra l-gazzetta ta’ kuljum bil-Malti.’**

Jghid li xogholu kien li jpoggi l-madum u ta’ 42 sena mar jahdem ix-Xatt igorr u jhott il-merkanzija. Illum huwa irtirat u jghix bil-pensjoni tas-Sigurta` Socjali u dhul zghir hafna minn xi imghax.

---

[8] A fol 217 L-enfasi bil-kliem *bold* hija tal-Arbitru

[9] A fol 198

[10] Evelyn Farrugia et *vs Global Capital Financial Management Unit Ltd*, PA, 11/7/2016 u sentenzi ohra

[11] A fol 264 et seq

Il-flus li nvesta fit-*TEP Fund 2* kienu gejjin minn somma li kien ha meta rtira mix-Xatt.

Jghid ukoll li kienu rapprezentanti tal-*Global Capital* li kienu marru jhabbtulu d-dar, u kienu huma li hajjruh jinvesti f'dan il-*Fund*. Jghid li ma kienx jaf kif dawn saru jafu li kien ha s-somma, imma meta marru jhajjruh jinvesti fit-*TEP Fund* kienu qalulu li kienu jafu b'dan.

L-ilmentatrici qalet l-istess haga u kkonfermat fl-assjem taghha ix-xhieda li ta zewgha.

Din ix-xhieda tal-ilmentaturi mhi bl-ebda mod kontradetta mill-provditur tas-servizz li pprovda biss affidavit ta' Michael Schembri[12] li, meta saret it-tranzazzjoni mal-ilmentaturi, lanqas biss kien jahdem mal-provditur tas-servizz.

L-Arbitru m'ghandux ghalfejn jiddubita mill-kredibilita` tal-ilmentaturi li, anke waqt il-kontro-ezami, ikkonfermaw li huma ma kienux investituri ta' esperjenza, id-dokumenti li ffirmaw ma nqrawx lilhom u l-provditur tas-servizz kien tahom garanzija li l-kapital li kienu ser jinvestu kien garantit:

**'Mistoqsi x'nifhem b'investiment *low risk* nghid illi ahna waqt id-diskussjoni ghidnielhom li ma ridniex nirriskjaw u qalulna li biex ifalli dan l-investiment trid tfalli l-Amerika. Mistoqsi x'nifhem b'*low risk* nifhem li riskju m'hemmx. Qaluli li minn 10 nqieghed (niehu?) 20, ghax il-bank jaghtik bil-1 %, u meta tigi biex tirtira bil-pensjoni jkollok xi haga aktar mill-bank….qaluli li m'hemmx riskju'[13].**

L-ilmentatrici bazikament ikkonfermat dak li xehed GB.[14]

Fil-kontro-ezami tieghu, Michael Schembri, ghall-provditur tas-servizz, jghid li ma jafx jekk kienx sar *appropriateness test* tal-ilmentaturi u lanqas esebixxa kopja tieghu. Lanqas jaf jekk kienx sar *due diligence* tal-prodott *de quo*, ghax ovvjament hu ma kienx involut fil-kaz u kien qed jixhed mid-dokumenti li sab fil-*file*.[15]

[12] A fol 273
[13] A fol 363
[14] A fol 268 et seq; 364 et seq
[15] A fol 365-366

L-Arbitru ma jistax jifhem kif il-provditur tas-servizz seta' jasal ghall-konkluzjoni li l-ilmentaturi kellhom l-esperjenza necessarja meta ma sarx *appropriatness test* dettaljat.

B'*appropriateness test,* l-Arbitru jifhem analizi fid-dettal li twassal lill-provditur li jkun f'qaghda oggettiva li jikkonkludi li l-prodott kien addattat ghac-cirkostanzi tal-ilmentaturi, u li l-ilmentaturi jaslu biex jifhmu x'ikun ghaddej biex ikunu jistghu jaslu ghal decizjoni jekk il-prodott ikunx tajjeb ghalihom.

L-Arbitru ra l-iskema tal-prodott li esebixxa l-provditur tas-servizz,[16] li huwa dokument twil u li zgur l-ilmentaturi ma setghux jifhmuh ghax, apparti li hu bl-Ingliz (u Ingliz ma jafux), huwa dokument tekniku li jmur lil hinn minn dak li setghu jifhmu l-ilmentaturi.

Barra minn hekk, hemm definit fl-istess dokument li dan kien prodott disinjat bhala ***Experienced Investor Fund,*** u bhala tali, ma kellux jinbiegh lil *retail investors* bhalma huma l-ilmentaturi.

Il-prodotti finanzjarji li kienu investew fihom l-ilmentaturi kienu differenti mill-prodott *de quo* u ghalhekk ma jistax jinghad li b'daqshekk kellhom l-esperjenza biex jinvestu fit-*TEP 2*.

Fl-istess dokument hemm definizzjoni ta' *experienced investors*:

'... persons, who in relation to any experienced fund *are sufficiently experienced to understand the risks* associated with an investment in that fund'.[17]

Il-*Protected Asset TEP Fund No 2 (PATF2)* huwa fond ta' investiment kollettiv li jinvesti f'firxa ta' poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja.

L-ilmentaturi, f'dan il-kaz, zgur li ma setghux jifhmu kif kien strutturat dan il-fond u r-riskji marbuta mieghu, anke jekk kellu jittiehed in konsiderazzjoni l-investimenti li kienu ghamlu qabel.

Mhux billi iffirmaw il-*File Note* u l-*KYC* li kienu jghidu li huma *'experienced investors*'. Mix-xhieda tal-ilmentaturi jidher car li lilhom ma saritilhom l-ebda spjega ta' fejn kienu qed jinvestu u x'kienu r-riskji f'dak l-investiment. Mid-dokumenti jirrizulta li huma kienu deskritti mill-istess provditur tas-servizz bhala

[16] A fol 214 et seq
[17] A fol 217

*retail clients* u r-riskju taghhom kien '*cautious but don't mind a small risk.*'[18] Dan jikkonferma dak li xehedu l-ilmentaturi, li huma l-aktar li riedu kien li jipprotegu l-kapital li qalghu mix-xoghol taghhom. Gew deskritti wkoll bhala *retail clients*.[19]

L-ilmentaturi xehedu li l-ebda dokument ma gie spjegat lilhom. Meta giet murija l-*File Note,* (li l-provditur qed jaghtiha importanza kbira), l-ilmentatrici xehdet:

**'Qed nigi murija dokument a fol 49 tal-process u nikkonferma li dik il-firma tieghi fuq dan id-dokument. Dak id-dokument jien ma qrajtux, qghadt fuq il-kliem li qaluli huma. Dak il-hin ma qrajt xejn, pero` dak li qed tghidli l-avukatessa, li l-kapital jista' jitla' u jinzel, issa qed nifhem xi tfisser ….. Mistoqsija jekk il-*File Note*, jekk dak il-hin staqsejtx xi haga dwarha, nghid li l-unika haga li staqsejt kienet jekk il-flus kienux sikuri, ghax dik kienet l-aktar haga li tinteressani. Nghid li ma tlabtx biex jinqrawli d-dokumenti, pero` dil-haga ma tantx damet, xi ftit hin. Nghid ukoll li staqsejna biex il-kliem ikun bil-Malti ghax bl-Ingliz jien u r-ragel ftit li xejn nifhmu. Ghidnielhom li ma konniex nafu bl-Ingliz.'[20]**

Allura l-Arbitru ma jistax ikun konvint li, fil-ftit hin li damet il-laqgha, kif setghu jigu moqrija u spjegati d-dokumenti kollha li kellhom jiffirmaw l-ilmentaturi u kif giet spjegata l-iskema tal-investiment (jew tal-anqas il-*highlights* taghha), liema dokument fih ammont kbir ta' pagni.

**L-Arbitru jrid jiddeciedi jekk l-ilment jistax jirnexxi a bazi ta' dak li huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.[21]**

La giet osservata l-gustizzja u lanqas l-ekwita` meta l-ilmentaturi kienu qed jigu mibjugha prodott li ma kienx addattat ghalihom, peress li min holoq it-*TEP 2* kien ghamilha cara li dak kien prodott ghal investituri ta' esperjenza li setghu jifhmu r-riskji marbuta ma' dak il-prodott, li l-ilmentaturi ma kellhomx.

L-Arbitru huwa konvint li din it-tranzazzjoni bejn il-partijiet ma kienetx gusta, ekwa u ragonevoli ghaliex il-provditur tas-servizz, li kien f'qaghda li janalizza l-prodott ahjar, ma kellux ibiegh dan il-prodott lill-ilmentaturi. Il-provi li gab

[18] A fol 38
[19] A fol 40-41
[20] A fol 364
[21] Art 19(3) tal-Kap. 555

il-provditur tas-servizz huma skarsi hafna u ma gabu l-ebda prova li kien sar *due diligence* sew tal-prodott u lanqas taw kaz wisq tal-**profil reali** tal-investituri.

L-ilmentaturi kienu diga` persuni 'l fuq minn hamsin sena, u l-flus li investew inghataw lilhom biex ikunu jistghu jghoddu l-introjtu minnhom mal-pensjoni.

F'din l-eta` huwa mistenni li n-nies ma jistennewx tkabbir fil-kapital taghhom imma li jkollhom introjtu bizzejjed li jkunu jistghu iziduh mal-pensjoni taghhom.

Il-fatt li kien il-provditur tas-servizz li mar id-dar tal-ilmentaturi biex ibiegh il-prodott *de quo* juri li l-provditur tas-servizz kien diga` ghandu certa dispozizzjoni li jbiegh il-prodott irrispettivament min-natura tieghu u c-cirkostanzi partikolari tal-investitur.

Fl-eta` u fic-cirkostanzi partikolari tal-ilmentaturi, ftit li xejn setghu jissugraw il-kapital u kif xehdu, l-ewwel objettiv taghhom kien li jipprotegu l-ftit kapital li kellhom u li ma setghux jaffordjaw li jitilfu.

Ma kienux xi persuni midhla ta' dawn it-tip ta' investimenti. Fi kliem il-provditur tas-servizz kienu *retail clients* u kellhom jigu trattati bhali tali billi jinghataw protezzjoni massima u jigu offruti biss prodotti li kienu jaqblu mal-istatus taghhom u cirkostanzi taghhom.

Il-provditur tas-servizz biegh prodott li ma kienx addattat ghall-investituri u b'hekk ikkawzaw telf fil-kapital ghall-ilmentaturi.

Ghal dawn il-mottivi, l-Arbitru qed jichad l-eccezzjonijiet tal-provditur tas-servizz u jilqa' l-ilment .

L-ilmentaturi ghandhom, kemm jista' jkun, jitpoggew fis-sitwazzjoni li kienu qabel ma ghamlu dan l-investiment.

Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jordna lil *Global Capital Financial Management Ltd.* (C 30053) thallas lill-ilmentaturi, *in solidum* bejniethom, is-somma ta' erbgha u tletin elf, disa' mija u wiehed u disghin Ewro u dsatax-il centezmu (€34,991.19), kif ukoll imghax ta' hamsa fil-mija mid-data tal-investiment sad-data tal-effettiv pagament.

Jekk ikun il-kaz, mad-data tal-hlas ta' din is-somma mill-provditur tas-servizz lill-ilmentaturi, kwalunkwe rikavat li jista' jkun hemm minn dan l-investiment ghandu jkun a beneficcju tal-provditur tas-servizz, u l-ilmentaturi huma obbligati li jiffirmaw kwalunkwe dokument ghal dan il-ghan.

L-ispejjez ta' dan il-kaz ghandhom ikunu a kariku tal-provditur tas-servizz finanzjarju.

Dr. Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji